**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta’ Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 414/2012 AF**

**Sylvia McGee**

**vs**

**Michelle Bell**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Sylvia McGee li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Billi Patrick James McGee miet f’Novembru tas-sena 1991 u halla lil martu, r-rikorrenti Sylvia McGee bhala l-unika eredi tieghu b'testment datat 27 ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u hamsa u tmenin (1985) (hawn anness u mmarkat bhala Dokument B).

Permezz ta' dan it-testment, Patrick James McGee halla wkoll lir-rikorrenti f’klawsola numru 4, "*all my estate of whatsoever kind and wheresoever situate to my wife absolutely and without any sort of trust or obligation*."

Il-propjetà tat-testatur Patrick James McGee tinkludi propjetà hawn Malta ossia semi detached villa bl-isem Quaker Garth, bin-numru 1, Triq il-Baltiku, The Village, San Giljan.

Ir-rikorrenti ddecidiet tbiegh din il-propjetà fl-24 ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) hija iffrmat konvenju (hawn anness u mmarkat bhala Dokument C) u l-kuntratt finali kellu jsir fit-30 ta' Jannar 2012.

Billi l-intimata, bint it-testatur, minn Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) 'l hawn bdiet tippretendi li ghandha xi jedd fuq din il-propjetà u permezz ta' avukati Maltin, kif ukoll minn avukat Ingliz, bdiet tibghat ittri u emails fejn qieghdha tippretendi xi sehem mill-wirt ta' missierha.

Dawn il-pretensjonijiet minghand l-intimata huma kompletament infondati u bla bazi billi r-rikorrenti hija l-unika werrieta tal-istess Patrick James McGee u ilha fil-pussess tal-wirt tieghu mid-data tal-mewt tieghu, cioe' ghal l-ahhar wiehed u ghoxrin (21) sena.

Billi minhabba dawn il-pretensjonijiet, r-rikorrenti soffriet dannu fis-sens illi tilfet ic-cans li tbiegh il-propjetà, u fil-fatt fis-26 ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) hija flimkien max-xerrejja iffirmaw kitba privata fejn ikkancellaw u rrevokaw l-imsemmija konvenju.

Billi l-intimata baqghet tippretendi illi ghandha xi dritt jew sehem mill-imsemmi propjetà, u dan minghajr ebda bazi.

Billi din il-pretensjoni ta' l-intimat saret permezz ta' diverzi ittri u emails maghmula mill-avukati Maltin tal-intimata fis-7 ta, Ottubru 2011, fit-18 ta' Ottubru 2011, kif ukoll mill-avukati Inglizi fl-20 ta' Novembru 2011, 25 ta' Novembru 2011, tad-2 ta’ Dicembru 2011, tad-9 ta' Dicembru 2011 u fl-10 ta’ Frar 2012 li kopji taghhom qieghdin jigi hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "D1-D8".

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. tippreffiggi terminu lill-istess intimata a tenur ta' l-Artikoli 403 u 404 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex f'dan it-terminu l-intimata ggibu 'l quddiem b'kawza l-pretensjoni taghha;

2. fin-nuqqas, timpedixxi lill-intimata milli qatt izjed ma tagixxi ghal dik il-pretensjoni.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar 2012 u l-ingunzjoni in subizjoni tal-istess intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Michelle Bell li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament il-proceduri odjerni huma irriti u ai terminu tal-Artikolu 415 tal-Kodici tal-Organtzzazzjoni u tal-Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligljiet ta' Malta) huma inammissibbli fil-konfront ta' l-intimata Michelle Bell stante illi l-istess intimata hija persuna assenti minn Malta

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni sabiex tissindika t-talbiet attrici ai termini tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru 2000 dwar gurisdizzjoni u rikonoxximent r ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali (O.J. L12/1 16.1.2001), ghaliex skond l-istess Regolament kawzi kontra persuni domiciljati fi Stat Membru ghandhom isiru fil-Qrati ta' l-Istat Membru li fih huwa domiciljat il-konvenut. Illi f'dan il-kaz, l-intimata assenti Michelle Bell hija domiciljata gewwa l-Ingilterra u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisidizzjoni taqta' u tiddeciedi din il-kawza.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzji, l-azzjoni hija intempestiva u rritwali billi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti jikkostitwixxu jeddijiet incerti u jeddijiet li ma jistghux jingiebu 'l quddiem f'dan iz-zmien ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kap. 12 bllli ma huwiex minnu illi l-intimata hadet xi passi biex twaqqaf il-bejgh tal-proprjetà in kwistjoni, izda kienet ir-rikorrenti stess

li ddecidiet minn jeddha li ma tkomplix bil-bejgh tal-proprjetà probabbilment ghaliex kellha d-dubbji dwar jekk kienitx ser tikser il-jeddijiet ta' terzi jekk tipprocedi bl-istess bejgh.

Preliminarjament ukoll, ma' jista' jigi mpost ebda terminu fuq dak possedut legittimament mill-eccipjenti ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kodici Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jinkorrux l-elementi mehtiega bil-ligi sabiex tigi interposta l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-eccipjenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Bis-subizzjoni tar-rikorrenti.

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Jannar 2015 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawża ta’ jattanza jew kif inhi wkoll magħrufa tal-millantazzjoni mressqa ai termini tal-artikolu 403 et seq. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-wirt tad-defunt Patrick James McGee, żewġ l-attriċi u missier il-konvenuta li miet f’Novembru tal-1991. Permezz ta’ testment magħmul l-Ingilterra fis-sena 1985, id-defunt Patrick McGee ħalla lill-attriċi bħala l-uniku eredi tiegħu.

Jirriżulta li ftit qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, l-attriċi daħlet f'konvenju ma terzi sabiex tbiegħ proprjetà immobbli li kienet tappartjeni lil żewġha u li hija tgħid illi wirtet mingħandu bis-saħħa tal-imsemmi testment. Peress li dehrilha illi l-konvenuta bħala l-unika bint tad-defunt Patrick McGee setgħet tiġi mitluba tiffirma xi dokumenti relatati ma dan il-bejgħ, hija ċemplitilha biex tistaqsiha jekk issibx xi oġġezzjoni sabiex tiffirma kwalunkwe dokument li jkun hemm bżonn sabiex l-attriċi tkun tista' tbiegħ din il-proprjetà. Jidher li f'dan l-istadju l-konvenuta bdiet tqajjem dubji dwar il-validità tat-testment ta' missierha u għalhekk irrifjutat li tiffirma dokumenti li kienet ser tgħaddilha l-attriċi. In segwitu għal din il-komunikazzjoni bejn il-partijiet il-konvenuta nkarigat konsulenti legali kemm l-Ingilterra u kif ukoll hawn Malta bl-għan illi jintlaħaq ftehim mal-attriċi dwar il-wirt ta' missierha. In kontro eżami l-attriċi tikkonferma li l-konvenuta saret taf illi hija kienet ser tbiegħ il-proprjeta in kwistjoni għaliex qaltilha l-attriċi stess meta ċemplitilha sabiex tistaqsiha jekk kinitx disposta tiffirma kwalunkwe dokument li jkun hemm bżonn relatat ma dan il-bejgħ.

Jirriżulta li l-pretensjonijiet tal-konvenuta dwar il-wirt ta' missierha tressqu permezz ta' diversi ittri legali u *e-mails* li ġew mibgħuta mill-konsulenti legali tagħha kemm lill-attriċi personalment u kif ukoll lill-konsulenti legali tal-attriċi. Minħabba dawn id-dubji li qajmet il-konvenuta dwar it-testment ta' Patrick McGee, in-nutar pubbliku li kien ser jippublika l-att finali ta' bejgħ tal-proprjeta msemmija, ta parir lill-partijiet illi l-att finali m'għandux isir f'dak l-istadju u fil-fatt baqa' ma sarx.

L-artikolu 403 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:

> *"Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Baldacchino et vs J.J.S Developers Limited et tat-30 ta' Ġunju 2016 ċitat diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li kienu jirrigwardaw l-azzjoni tal-jattanza u spjegat:

> *"Illi l-elementi mitluba sabiex tirnexxi kawza ta' jattanza huma magħrufa sewwa u stabiliti minn żmien ilu. Dawn huma: (1) li l-attur irid ikollu pussess, almenu de facto u prima facie tal-oġġett li jkun qed jikkawtela; (2) li l-parti mħarrka tkun bil-miktub ressqet pretensjoni fuq l-oggett; (3) li l-pretensjoni trid tkun spontanja u mhux provokata bl-agir tal-attur; (4) li l-pretensjoni trid ikollha skop determinabbli, speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat li jista' jissarraf f'azzjoni ġudizzjarja li tista' tinfetaħ; (5) li l-pretensjoni ma għandhiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix; u (6) li l-kawża għall-millantazzjoni trid issir sa mhux iżjed tard minn sena minn mindu l-parti ssirilha l-pretensjoni, kontra min ikun għamlilha dik il-pretensjoni, biex il-qorti tordna lil min jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni għad-definizzjoni ta' dak il-jedd innifsu fiż-żmien mogħti mill-istess qorti.*
>
> *Illi ngħad mill-qrati tagħna "Illi l-iskop uniku legali u soċjali tal-istitut ta' Jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jiġu riżolti. Il-Ligi ma tridx li tħalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna oħra bi pretensjonijiet li ma jinġiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti għas-smigħ u determinazzjoni." Min-naħa l-oħra, l-istess Qrati wissew ukoll li dan huwa prinċipju eċċezzjonali li għandu jċedi għall-prinċipju ta' natura ġenerali li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel jiftaħ kawża..."*

Kif sewwa ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet: Leonard Cassar pro et noe vs Emmanuel Bartolo

> *"L-iskop ewlieni ta' millantazzjoni hu biex ma jibqghux pendenti kwistjonijiet u allegazzjonijiet li jistghu jkunu bla bazi u mhux biex parti tieħu vantaġġ strateġiku kontra l-oħra billi iġġiegħel lil parti l-oħra tintavola l-kawża hi (ara*

> ***Madliena Developments Limited vs. Ufficju Konġunt**, Prim'Awla 06.02.2004).*
>
> *(...)*
>
> *Illi l-ġudizzju ta' jattanza imur kontra d-dettami tad-dritt u speċjalment tal-massima invitus agere nemo cogitur; għaliex in-norma hija actor in sua potestate habet quando utatur juri suam. Kemm hu hekk, dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana jfisser din l-għamla ta' azzjoni bħala "...a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit.".*
>
> *Għalhekk dan id-dritt m'għandux jiġi estiż u għalhekk għandu jiġi interpretat restrittivament."*

Preliminarjament, il-konvenuta eċċepiet ukoll illi l-azzjoni attriċi hija intempestiva stante li l-pretensjonijiet tal-attriċi jikkostitwixxu jeddijiet inċerti u jeddijiet illi ma jistgħux jinġiebu 'l quddiem f'dan iż-żmien u allura skont l-artikolu 405 tal-Kap. 12, din il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi. Dan għaliex il-konvenuta tgħid illi m'huwiex minnu li hija ħadet xi passi sabiex twaqqaf il-bejgħ tal-proprjeta in kwistjoni.

Il-Qorti, minkejja li taqbel mal-konvenuta li ma jirriżultax illi hija b'xi mod impediet il-bejgħ iżda pjuttost kien in-nutar li, rinfaċjat bil-pretensjonijiet tal-konvenuta, ta parir lill-partijiet li m'għandux isir l-att finali, m'hijiex tal-fehma illi l-pretensjonijiet tal-attriċi huma jeddijiet inċerti jew jeddijiet li ma jistgħux jinġiebu l-quddiem f'dan iż-żmien. B'żieda ma dan, il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni li trid tagħti l-konvenuta għall-imsemmi artikolu in kwantu li dan l-artikolu ma jikkonċernax il-pretensjonijiet attriċi. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Carmela Cali Corleo et vs Joseph Fava et tas-17 ta' Awissu 1988:

> "*Meta f'dak l-artikolu tissemma pretensjoni l-artikolu qiegħed jirreferixxi għal pretensjoni li tagħti kawża għall-*

*azzjoni ta' jattanza u mhux għal pretensjoni li jkollu l-attur fil-kawża*."

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Permezz tar-raba' eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta eċċepiet illi ma jista' jiġi mpost l-ebda terminu fuq dak possedut minnha leġittimament ai termini tal-artikolu 836 tal-Kodiċi Ċivili.

Dan l-artikolu jaqra hekk:

"*Il-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew leġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt.*"

Il-Qorti tqis illi eċċezzjoni ta' din in-natura ma tistax titressaq f'kawża ta' jattanza in kwantu li studju dwar minn huma l-werrieta tad-defunt Patrick McGee jeżorbita l-indaġini li trid tagħmel il-Qorti f'din il-kawża. Fin-nota ta' sottomissjonijet tagħha l-konvenuta tistieden lill-Qort sabiex tinvestiga l-mertu tal-kwistjoni ta' bejn il-partijiet. Iżda huwa stabbilit illi f'kawża ta' din ix-xorta il-mertu m'huwiex il-validità tat-testment in kwistjoni jew min huma l-werrieta tad-defunt Patrick McGee, imma jekk għandux jiġi impost terminu fuq il-konvenuta sabiex fih tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra l-attriċi permezz ta' kawża. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi respinta.

Imbagħad, il-konvenuta eċċepiet illi f'dan il-każ ma jinkorrux ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex tirnexxi kawża ta' jattanza. Il-Qorti ssib illi l-konvenuta għandha raġun f'din l-eċċezzjoni tagħha għaliex il-millantazzjoni tal-konvenuta hija nieqsa mill-element ta' spontanjetà. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li meta l-attur fil-ġudizzju ta' jattanza jkun ipprovoka hu l-protesti tal-konvenut, l-azzjoni tal-jattanza ma tistax treġġi (Euro Industries Ltd et vs Christopher Testaferrata Moroni Viani et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju 2016).

Fil-kawża Buhagiar vs Busuttil deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Ottubru 1999 intqal illi:

*"meta l-attur mexxa jew ġieb 'l quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni, u dan biex jillibera ruħu minn dik il-pretensjoni, iġib raġuni għaliex huwa qiegħed jirrespinġi dik il-pretensjoni, allura d-dikjarazzjoni ma tkunx iżjed waħda spontanja, imma tassumi l-kwalità ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'każijiet bħal ta' l-aħħar ikun qed jeżerċita dritt tiegħu."*

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Imelda Tabone vs Agnes Galea et tal-11 ta' Diċembru 2003:

*"Il-provokazzjoni mhux mehtiega li ssir b'xi att gudizzjarju (ara "Gatt vs Aquilina" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju, 2003) izda trid tirrizulta cara u tindika b'mod inekwivoku l-opposizzjoni ghal xi dritt pretis jew gawdut mill-parti l-ohra. F'dan il-kaz m'hemmx dubbju li l-provokazzjoni kienet wahda cara u inekwivoka: l-atturi mhux biss waqfu jhallsu l-flus, izda kellmu lill-konvenuti u ghamluha cara maghhom li ma kienx se jhallsu aktar ghax huma (il-konvenuti) ma kellhom ebda drittijiet fuq il-post. F'sitwazzjoni bhal din, il-konvenuti gew impoggija f'sitwazzjoni fejn kellhom jirrejagixxu u jikkawtelaw id-drittijiet taghhom u dan ghamluh bil-mezzi li tipprovdilhom il-ligi. Kif intqal fil-gurisprudenza, m'hemmx millantazzjoni meta l-mezzi ta' difiza adoperati, "jkunu necessarji ghall-konservazzjoni jew protezzjoni ta' dawk id-drittijiet, u jkunu determinati minn necessita` jew kawtela guridika" (Vol. XVI.II.337; XXXII.I.645; XL.II.886)."*

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet Mario Pickard vs Grace Anderson qalet hekk:

*"Fil-kuntest tat-tielet element, u ċioè, il-ħtieġa tal-ispontaneatà tal-millantazzjoni, din il-Qorti tosserva li dan hu element diversi drabi ribadit mill-ġurisprudenza. Hekk, fil-kawża,* ***Pellegrini Petit v. Sammut****, Vol. XXIV.II.358,*

*intqal, b'approvazzjoni ta' dak li jgħid il-ġurista Rodolfino fuq il-materja, li "allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziali dietro provocazione altrui, non possono servire di base al giudizio in jattanza". Dan il-prinċipju ġie indikat ukoll mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Grixti vs. Borg****, deċiża fit-22 ta' Ottubru, 1982, fejn saret riferenza għad-deċiżjonijiet riportati fil-Vol. III.189, XVI.II.337, XXIV.II.359, XXXII.I.645 u XLIII.II.1146."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Catherine Grech vs Antonella Calleja tal-5 ta' Mejju 2016, irriferiet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Agius vs Joseph Meilaq et tat-28 ta' Marzu 2014 u dik fl-ismijiet Madliena Developments Limited vs Uffiċċju Konġunt tas-6 ta' Frar 2004 u qalet hekk:

*"Għall-finijiet ta' din l-għamla ta' azzjoni, il-'provokazzjoni' tfissret bħala "****att li jixpruna rejazzjoni u l-att provokattiv mhux neċessarjament ibiddel xi stat ta' fatt u anzi jista' jikkonsisti f'affermazzjoni ta' dak li fil-fehma tal-aġent ikun l-istatus quo u l-parti l-oħra tiġi għalhekk kostretta tikkontesta.****" Dan għaliex mhuwiex mogħti lil xi parti li titħalla tikseb "vantaġġ strateġiku" biex iġġiegħel lill-parti l-oħra sseffaq wiċċha ma' kawża li l-parti 'provokatriċi' ma tkunx ħerqana li tiftaħ hija nnifisha*;" (Enfasi ta' din il-Qorti).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami jirriżulta li l-pretensjoni tal-konvenuta ġiet provokata mill-aġir spontanju tal-attriċi li darba fost l-oħrajn ċemplitilha sabiex titlobha tiffirmalha xi dokumenti biex b'hekk tottjeni l-kunsens tagħha għall-bejgħ tal-proprjetà li l-attriċi tgħid illi wirtet mingħand żewġha, missier il-konvenuta. L-aġir tal-konvenuta kien biss reazzjoni għall-pretensjonijiet tal-attriċi li hija għandha dritt illi tbiegħ il-proprjetà li kienet tappartjeni lill-Patrick McGee, liema pretensjoni, kif diġa ngħad, tressqet fil-forma ta' talba lill-konvenuta sabiex tiffirma d-dokumenti li jkunu meħtieġa sabiex isir dan il-bejgħ.

Għalhekk, l-attriċi f'dan il-każ ma tistax tippretendi li tipprevalixxi ruħha mill-azzjoni tal-jattanza għaliex id-

dikjarazzjoni magħmula mill-konvenuta kienet ġiet ipprovokata minnha stess. Il-konvenuta ma għamlet xejn ħlief li ddefendiet dik li temmen li hija l-posizzjoni legali tagħha. L-*emails* u ittri legali eżebiti mill-attriċi kienu essenzjalment atti ta' preservazzjoni u ta' konservazzjoni ta' dritt pretiż. Dan l-element, skont il-ġurisprudenza interpretattiva fuq ċitata, jisvesti l-att mill-aspett ta' millantazzjoni neċessarja sabiex tirnexxi din l-azzjoni.

In kwantu li nstab illi l-azzjoni tal-lum ma tistax tirnexxi għaliex hija nieqsa mill-element ta' spontanjetà, m'huwiex meħtieġ illi jiġi eżaminat jekk jinkorrux l-elementi l-oħra ta' din l-azzjoni.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG